MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 3/2011

**James O'Flaherty (ID 618556M) esercenti**
**l-kummerc taht l-isem O'Flaherty**
**Leather Trades Supplies**

**vs**

**Daniel Orsini**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-7 ta' Jannar 2011, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €1099.74 (elf u disgha u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mill-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €1099.74 (elf u disgha u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu) l-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------